MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1706/2001/1

***Paolo Bonnici Limited***

***Versus***

**Wallace u Domenica konjuġi Fino, u Chris u Claudette konjuġi Gauci**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenuti *in solidum* ħlas ta' tliet mija u ħamsa u tmenin elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira u tmintax-il ċenteżmu (Lm385,624.18) – daqs tmien mija u tmienja u disgħin elf, mitejn u tnejn u sittin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€898,262.71) – prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenuti.
Qiegħda titlob ukoll l-imgħaxijiet mid-dati murija fuq il-fatturi, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ mandati kawtelatorji ippreżentati flimkien maċ-ċitazzjoni.
Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti, b'dikriet mogħti fl-4 ta' Diċembru 2001, ordnat

illi l-kawża tinstema' bil-proċedura normali, u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huma ma humiex kontradditturi leġittimi għax huma personalment ma xtrawx il-ħwejjeġ li għalihom qiegħed jintalab ħlas, u għalhekk huma personalment ma għandhom jagħtu xejn lill-attriċi; l-attriċi kien imissha fetħet il-kawża kontra s-soċjetà *Price Club Operators Limited*, li tagħha l-eċċipjenti Wallace Fino u Chris Gauci huma diretturi, kif jidher kemm mill-fatturi kif ukoll mill-*credit application form*, li hija talba minn *Price Club Operators Limited* biex tingħata kreditu;
2. is-solidarjetà bejn kredituri ma tistax tiġi preżunta iżda għandha tirriżulta espressament minn ftehim; l-eċċipjenti ma jweġbux għal djun ta' terzi u l-*credit application form* ma tiswiex biex toħloq dik ir-rabta;
3. l-eċċipjenti Domenica Fino u Claudette Gauci ma għandhomx iwieġbu għad-dejn billi huma ma tawx il-kunsens tagħhom sabiex il-komunjoni ta' l-akkwisti titgħabba bi djun bħal dawk imsemmija fiċ-ċitazzjoni; barra minn hekk, jekk jirriżulta li żwiegħom iffirmaw xi att li jiswa biex joħloq dejn li jgħabbi l-komunjoni, huma sejrin jipproċedu quddiem il-qorti għal dikjarazzjoni ta' nullità ta' dak l-att;
4. il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-eċċipjenti Claudette Gauci u żewġa kienet maħlula b'kuntratt pubbliku tat-30 t'Awissu 2001; u
5. it-talbiet "huma infondati fil-fatt u fid-dritt".

L-azzjoni ta' l-attriċi hija mibnija fuq kitba privata, imsejħa "*Credit Application Form*", li saret bejn l-istess soċjetà attriċi u l-konvenuti Wallace Fino u Chris Gauci u li biha nfetaħ kont kurrenti biex Fino u Gauci jixtru ħwejjeġ mingħand l-attriċi. Dawn ta' l-aħħar fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom qegħdin igħidu illi huma ma iffirmawx f'isimhom iżda f'isem is-soċjetà *Price Club Operators Limited*, u għalhekk kontradittriċi leġittima għall-azzjoni ta' l-attriċi hija s-soċjetà *Price Club Operators Limited* u mhux l-eċċipjenti.

Tassew illi l-kitba tgħid illi l-ħwejjeġ li jinxtraw mingħand l-attriċi kellhom imbagħad jinbigħu minn *outlet* immexxija minn *Price Club Operators Limited*; dan ma jfissirx bilfors li l-kitba saret f'isem *Price Club Operators Limited* għax il-fatt illi l-eċċipjenti kienu sejrin ibigħu permezz ta' dik is-

soċjetà ma jfissirx bilfors li kienu qegħdin jixtru f'isimha wkoll: fil-fatt, għalkemm fil-parti stampata tal-ftehim hemm spazju fejn min jiffirma jgħid illi qiegħed jidher fi kwalità rappreżentativa – fejn hemm spazju vojd biex jimtela qabel il-kliem "*state status*" – dan l-ispazju baqa' ma mteliex.

Barra minn hekk, ukoll jekk naslu biex ngħidu illi n-negozju sar f'isem *Price Club Operators Limited*, xorta l-eċċipjenti ntrabtu bil-patt "*I undertake personal liability for payment*". Tassew illi f'dan il-każ l-eċċipjenti jkunu qegħdin jintrabtu bħala garanti u mhux – kif huma mħarrka – bħala xerrejja. Madankollu, billi l-obbligazzjoni hija waħda kummerċjali hemm solidarjetà bejn id-debituri[1] u għalhekk l-obbligazzjoni tas-soċjetà u dik tal-garanti jistgħu jitqiesu li huma l-istess.

Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda, u, minħabba s-solidarjetà bejn kondebituri ta' obbligazzjonijiet kummerċjali, it-tieni eċċezzjoni wkoll, li hija x'aktarx fiergħa, hija miċħuda.

Fit-tielet eċċezzjoni, il-konvenuti Domenica Fino u Claudette Gauci, in-nisa miżżewġa tal-konvenuti l-oħra, igħidu illi l-obbligazzjoni li daħlu fiha żwieġhom ma torbotx lilhom u lill-komunjoni ta' l-akkwisti. F'dik l-eċċezzjoni jgħidu wkoll illi kellhom jiftħu kawża biex il-qorti tgħid illi l-obbligazzjoni ma tiswiex.

Fil-fatt dawk il-kawżi nfetħu – <u>Domenica Fino *versus* Paolo Bonnici Limited et</u> (ċitazzjoni numru 10/2002) u <u>Claudette Gauci *versus* Paolo Bonnici Limited et</u> (ċitazzjoni numru 14/2002) – u nqatgħu b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Ġunju 2007 li jgħidu illi l-obbligazzjoni personali tal-konvenuti Wallace Fino u Chris Gauci favur l-attriċi ma torbotx il-komunjoni ta' l-akkwisti iżda dik l-obbligazzjoni tiswa biex torbot il-beni parafernali ta' istess konvenuti, bla ħsara għal dak li jgħid u jrid l-art. 1329 tal-Kodiċi Ċivili.

It-tielet eċċezzjoni għalhekk għandha tintlaqa' fis-sens illi la l-beni parafernali ta' Domenica Fino u Claudette Gauci u, bla ħsara għal dak li jgħid u jrid l-art. 1329 tal-Kodiċi Ċivili, lanqas il-komunjoni ta' l-akkwisti ma jintlaqtu bid-dejn. Fid-dawl ta' dan, ma hux meħtieġ li nqisu aktar ir-

[1] Art. 115, Kod. Kumm.

raba' eċċezzjoni, li tgħid illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-eċċipjenti Claudette Gauci u żewġa kienet maħlula b'kuntratt pubbliku tat-30 t'Awissu 2001, ukoll għax, f'kull każ, dik l-eċċezzjoni hija irrelevanti billi d-dejn inħoloq qabel it-30 t'Awissu 2001.

L-aħħar eċċezzjoni – li t-talbiet huma "infondati fil-fatt u fid-dritt" – saret biex tkun saret, għax ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-dejn, li f'kull każ jirriżulta mill-kotba ta' l-attriċi li jagħmlu prova kif igħid l-art. 22 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi safejn magħmula kontra l-konvenuti Domenica Fino u Claudette Gauci, tilqagħha safejn magħmula kontra l-konvenuti Wallace Fino u Chris Gauci u tikkundanna lil dawn ta' l-aħħar flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi tmien mija u tmienja u disgħin elf, mitejn u tnejn u sittin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€898,262.71) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni, b'dan illi d-dejn ma jolqotx il-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konvenuti kundannati u n-nisa tagħhom, bla ħsara għal dak li jgħid u jrid l-art. 1329 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż tal-konvenuti Domenica Fino u Claudette Gauci tħallashom is-soċjetà attriċi; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallsuhom il-konvenuti Wallace Fino u Chris Gauci.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------